IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 50

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (5:30pm) nhar **il-Ħamis 25 ta' Awwissu 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

50.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 49 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**50.3 Korrispondenza**

50.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Malta Classic dwar attivià li jixtiequ jagħmlu fil-Birgu u għaldaqstant xtaqu li jitkellmu mas-Sindku.

50.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Lawrence Mizzi, Chairman tal-kumpanija RSSL sabiex jekk hu possibli jintbagħtu żewġ ħaddiema mill-iskema, wieħed driver u ħaddiem għal xogħol klerikali..

50.3.3 Preżentata stima għal 100 badge kbira bl-arma tal-kunsill f'kaxxi tal-plastic. L-istima kienet ta' ħames Ewro kull badge. L-istima ġiet approvata mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti.

50.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Justin Camilleri f'isem il-Fondazzjoni Kottonera għal No Objection għall-Festival Nazzjonali tal-Baned u korrispondenza oħra rigward il-post magħżul fejn se jsir il-Festival Nazzjonali tal-Baned 2022 fil-Birgu, organizzat mill-istess fondazzjoni. Dan il-festival se jsir f'Couvre Porte nhar l-14 ta' Ottubru 2022.

50.3.5. Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Joanne Attard Mallia sabiex il-Birgu juri l-interess u jipparteċipa fil-proġett CulTourData bħala kandidat għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

50.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Pirjol Aaron Zahra sabiex tingħata No Objection għat-Trazlazzjoni tal-Festa ta' San Duminku. No Objection approvata.

50.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Pirjol Aaron Zahra sabiex tingħata No Objection għall-Purċissjoni tal-Festa ta' San Duminku. No Objection approvata.

50.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku s-Sur John Boxall lis-Sur John Bonavia mid-District Operations Ltd sabiex jinfurmah li s-Sur Miguel Galea, li kien assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ma baqax jidħol għax-xogħol.

50.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava rigward korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Joanne Attard Mallia dwar il-Belt Kapitali tal-Kultura 2031.

50.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Infrastructure Malta dwar vetturi li qed jipparkjaw fuq il-bankini l-ġodda f'Sally Port (It-Toqba).

50.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Infrastructure Malta sabiex il-mina ta' Għajn Dwieli ma tingħalaqx nhar l-10 ta' Awwissu peress li fil-Birgu jkun hawn il-Festa Titulari ta' San Lawrenz.

50.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Perit Frans Mallia rigward informazzjoni teknika għall-proġett tal-bdil tal-bozoz tal-fanali fiż-żona ta' Fuq tal-Ħawli.

50.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rachel Tanti dwar Smart Waste Depots sabiex jintużaw mill-istabbilimenti kummerċjali tal-Birgu. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ġie deċiż li dawn ma jsirux.

50.3.14 Preżentata korrispondenza mis-Sur Matthew Dimech b'ritratt tal-hub tal-fliexken tal-plastic biex tiġi nstallata fil-Birgu. Ir-ritratt jindika li din hija struttura kbira u għaldaqstant ġie maqbul li din issir fil-post propost fi Triq l-Assedju l-Kbir.

50.3.15 Preżentata korrispondenza sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu juri l-interess tiegħu fl-EloGe (European Label of Governance Excellence).

50.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Angelo Ciocchetti dwar il-konferenza tal-proġett KNOTS2! li kellha ssir fil-Polonja bejn id-19 u t-23 ta' Awwissu 2022. Is-Sindku flimkien ma' Fr.Stephen Attard attendew din il-konferenza. Is-Sindku faħħar l-impenn u s-serjetà ta' Fr.Stephen li kien ipreparat sewwa għad-diskors li għamel waqt din il-konferenza.

50.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal informazzjoni dwar is-servizz tal-knis fil-Birgu.

50.3.18 Preżentata korrispondenza dwar il-ġurnata ddedikata għan-Network Ewropew għaċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir. Is-Sur George Agius, bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fi ħdan in-network, ħejja programm ta' attivitajiet għal din il-ġurnata.

50.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola sabiex tirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Birgu għall-ittra mibgħuta lilha u għar-rigal li l-kunsill għaddha nhar il-Festa ta' San Lawrenz.

50.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr Carmel Mallia, ir-raġel ta' Hilda Mallia Tabone fejn qed jesprimi x-xewqa li Triq Hilda Tabone titranġa għall-isem sħiħ tas-soprana, jiġifieri, Triq Hilda Mallia Tabone. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li għalissa ma jsir ebda tibdil fl-isimijet tat-toroq minħaba l-inkonvenjent li jinqala.

50.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Pirjol Aaron Zahra sabiex waħda mit-toroq tal-Birgu tingħata l-isem Triq l-Ordni tal-Predikaturi (1216). Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li għalissa ma jsir ebda tibdil fl-isimijet tat-toroq minħaba l-inkonvenjent li jinqala.

50.3.22 Preżentat draft tal-*Friendship Agreement* bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Kunsill ta' Telavi fil-Ġorġja. Dan ġie inqara waqt il-laqgħa u approvat mill-kunsilliera kollha preżenti.

50.3.23 Preżentati tlett kwotazzjonijiet sabiex jinxtara grass cutter biex jintuża mill-ħaddiema tal-kunsill. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li tintgħażel l-irħas kwotazzjoni.

50.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Wanda Biedka sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jħallas il-membership fee tal-assoċjazzjoni ALDA li tagħha jinsab imsieħeb. Il-miżata hi ta' €300 (tlett mitt Ewro) għas-sena 2022. Il-kunsilliera preżenti qablu li din il-miżata titħallas.

50.3.25 Preżentata korrispondenza ta' diversi messaġġi bejn is-Sindku John Boxall u s-Sur Gerald Ellul dwar il-problema ta' traffiku li tfaċċat it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 wara li Triq il-Mina l-Kbira kienet magħluqa mingħajr ebda avviz

minn filgħodu bil-konsegwenza li nħoloq twaħħil fit-traffiku peress li kien qed isir xogħol ukoll fi Triq San Lawrenz, wara l-Mużew Marittimu.

50.3.26 Preżentata korrispondenza dwar it-teħid ta' spazji ta' parkeġġi minħabba l-imwejjed u s-siġġijiet tal-bar tal-Każin tal-Football. Il-Kunsill Lokali jinsab ikkupjat f'email fejn qed isir rapport mal-Awtorità tal-Artijiet dwar dawn l-imwejjed u siġġijiet.

50.3.27 Preżentata kwotazzjoni għal servizz ta' entertainment għall-party tat-tfal fil-ftuħ tal-bandli tal-Birgu. Il-kunsilliera approvaw din il-kwotazzjoni.

50.3.28 Preżentata l-applikazzjoni għall-iskema **SPI/SCI/8/2022 Espressjoni ta' Interess – Milied 2022**, flimkien ma' programm sħiħ ta' attivitajiet li qed jiġu proposti sabiex jiġu organizzati bejn il-Ġimgħa u s-Sibt 16 u 17 ta' Diċembru 2022. Il-kunsilliera preżenti qablu u approvaw din l-applikazzjoni flimkien mal-programm imfassal u approvaw ukoll il-finanzjament ta' 10% li l-kunsill mistenni jiffinanzja.

50.3.29 Preżentata korrispondenza mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Birgu s-Sur Stefan Azzopardi fejn qed jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jgħin finanzjarjament għat-tisbiħ u rinovar tan-Nurture Area fl-iskola stess. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament li tingħata l-għajnuna.

50.3.30 Preżentata korrispondenza mis-Sur Charles Deguara, Awditur Ġenerali dwar l-audits tal-kunsill tas-sena 2019 li għadhom pendenti.

50.3.31 Preżentata korrispondenza ta' messaġġi bejn is-Sindku John Boxall u Stefan Gauci dwar l-ispeakers li kellhom jiġu ordnati għas-swali ta' fuq tal-Berġa ta' Franza. Is-Sindku qal li issa għadda biżżejjed żmien u jeħtieġ li s-Sur Gauci jew iġib l-ispeakers li kellu jordna jew il-kunsill iwaqqaf il-pagament tad-depożitu li sar. Il-kunsilliera qablu unanimament.

50.3.32 Preżentata korrispondenza dwar l-attività BeActive Night 2022 organizzata minn SportMalta. Il-Viċi-Sindku qal li se jkun qed jieħu din l-attività f'idejh. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

50.3.33 Preżentata korrispondenza mis-Sur Billy- Li Xiang, mill-board ta' The LivCom fejn qed juri x-xewqa li l-edizzjoni tat-21st LivCom Finals flimkien mal-International Forum on Age-Friendly and Liveable Cities', issir fil-Birgu. Is-Sindku qal li kien iltaqgħa ma' din il-persuna Ruma flimkien mal-Viċi-Sindku Chris Cassar

waqt l-awards tal-istess assoċjazzjoni fejn il-Birgu rebaħ l-ewwel post tal-LivCom Awards Category A. Is-Sur Li Xiang qed jipproponi li l-edizzjoni tal-finali li jmiss isir f'Malta fil-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li nuru l-interess għal dan l-avveniment u naraw x'jinvolvi min-naħa tal-kunsill lokali.

50.3.34 Preżentata l-applikazzjoni għall-iskema **SPI/SCI/9/2022 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom**, fejn permezz ta' din l-applikazzjoni qed issir talba biex jinxtara van li fih ikun jista' jitla' wheelchair sabiex jintuża mir-residenti tal-Birgu u jitwasslu f'lokalitajiet fil-viċin. Il-kunsilliera preżenti qablu u approvaw din l-applikazzjoni u approvaw ukoll il-finanzjament ta' 15% li l-kunsill mistenni jiffinanzja.

**50.4 Installazzjoni ta' Cameras (Triq San Filippu u Triq Emmanuel Attard Bezzina)**

50.4.1 Is-Sindku qal li fl-aħħar jiem kien hemm atti vandali fuq diversi karozzi fi Triq San Filippu u Triq Emmanuel Attard Bezzina fejn fost oħrajn tkissru diversi mirjiet. Is-Sindku qal li jeħtieġ li jsiru cameras f'dawn it-toroq sabiex jiġu evitati aktar atti vandali. Fuq din il-proposta ma kien hemm ebda deċiżjoni.

**50.5 Jum il-Birgu 2022**

50.5.1 Jum il-Birgu 2022 se jkun qed jiġi ċċelebrat nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2022. Il-quddiesa ta' ringrazzjament se ssir fis-6:00pm fil-Parroċċa ta' San Lawrenz u ċ-ċelebrazzjoni fil-Pjazza tal-Birgu biswit il-Monument tal-Vitorja filwaqt li r-reception issir fuq iz-zuntier tal-Knisja wara ċ-ċelebrazzjoni. Jippreżenta s-serata, s-Sur Charles Camenzuli.

50.5.2 Preżentata kwotazzjoni waħda, peress li tnejn oħra qatt ma waslu għall-ikel tar-reception. Din ġiet approvata mis-Sindku u l-kunsilliera.

50.5.3 Għaċ-ċelebrazzjoni tal-Pjazza u għal waqt ir-reception se jintuża s-servizz ta' Andrew Zarb għall-mużika filwaqt li Stefan Gauci se jarma s-sistema tas-sound.

50.5.4 Ġieħ il-Birgu 2022 ġie deċiż mis-Sindku u l-Kunsilliera li tingħata lill-Patri Marius Zerafa O.P. filwaqt li jingħataw sitt rikonoxximenti oħra lil sitt persuni li wettqu servizz fil-komunità tal-Birgu. Dawn huma, Salvu Attard, Ċensu d'Emanuele, Leli Attard, Marian Theuma, Maria Ciappara u Ruth Sciberras.

50.5.5 Il-Viċi-Sindku Chris Cassar ressaq għall-approvazzjoni biex dakinhar, il-Klabb tar-Regatta tal-Birgu jinawgura dgħajsa ġdida li ser tintuża nhar it-8 ta' Settembru 2022. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ma sabu ebda oġġezzjoni.

**50.6 Proġett tal-Bandli**

50.6.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru, se jsir party għat-tfal kollha minn taħt l-10 snin 'l isfel fil-bandli tal-Birgu. L-ikel għal dan il-party kien se jitħallas dirett minn sponsor li sab is-Sindku filwaqt li x-xorb ingħata minn sponsor ieħor.

50.6.2 Is-Sindku qal li fil-bandli kien jonqos biss il-ħadid ta' madwar il-ħamrija tas-siġar liema xogħol kellu jsir mill-ħaddiema tal-garaxx tal-Gvern.

**50.7 Birgufest 2022**

50.7.1 Is-Sindku qal li kien baqa' ħafna xogħol xi jsir għall-Birgufest 2022. Il-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li l-entertainment għal fuq il-palkijiet jinsab lest u konfermat. Il-Viċi-Sindku Chris Cassar qal li se jkun qed jieħu ħsieb ir-Risk Assessment tal-attività bħas-snin preċedenti.

50.7.2 Rigward stands tal-ikel, ġie maqbul li l-għaqdiet volontarji jarmaw l-ewwel stand tagħhom b'xejn filwaqt li jekk iridu jarmaw stand oħra, għandha tingħata donazzjoni ta' mitejn Ewro (€200). L-għaqdiet li jieħdu stand u jwilluwha, jeħlu multa filwaqt li ma jitħallewx jarmaw fil-Birgufest ta' wara.

50.7.3 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li fi Triq Desain, kantuniera mal-Pjazza 'l quddiem, ma jintramawx gabbani, stands jew imwejjed u siġġijiet ħalli jkun hemm aċċess liberu għall-Ambulanzi u Fire Engine. Gabbani jitħallew jarmaw biss fi Triq it-Torri ta' San Ġwann u f'żoni oħra, basta mhux fil-Pjazza tal-Birgu.

50.7.4 Is-Sindku talab biex wara l-ġemellaġġ ta' Parisot, issir laqgħa li tiffoka biss fuq il-Birgufest 2022 biex tingħata spinta l-ħidma fuq din l-attività.

50.7.5 Is-Sindku ressaq quddiem il-kunsilliera l-ftehim li ġie ffirmat mal-Fondazzjoni Kottonera fejn l-istess fondazzjoni ser tgħaddi s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) bħala għajnuna għall-attività tal-Birgufest 2022. Is-Sindku bgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Glenn Bedingfield tal-għajnuna tiegħu.

50.7.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Simon Farrugia, Segretarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz sabiex jitolbu permess lill-kunsill lokali biex isir kunċert mużikali f'Couvre Porte nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru, fil-Birgufest 2022 u jarmaw stand bl-inbid fl-istess żona. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dan isir fit-tieni bitħa, peress li fl-ewwel bitħa jkun hemm l-Artisian Market.

50.7.6 Is-Sindku qal li t-tnehdija tal-ktieb, Il-Birgu – Ilbieraħ u llum se ssir nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru 2022 fil-Berġa ta' Franza u għaliha se tkun mistienda l-Onor. Alison Zerafa Civelli u l-Onor. Glenn Bedingfield.

**50.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.8.1 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni (it-tnejn l-oħra ma waslux) tal-ikel għar-reception li ssir fil-Festa tan-Nativitaà tal-Madonna fil-Forti ta' Sant'Anġlu, liema festa jieħu ħsieba s-Sur Geroge Agius. Din ġiet approvata unanimament.

50.8.2 Il-Viċi-Sindku Chris Cassar propona biex jingħata kors b'xejn lil diversi residenti madwar il-Birgu f'żoni differenti kif tingħata l-ewwel għajnuna f'każ li tinqala' xi emerġenza fil-viċin. B'hekk numru ta' residenti jkunu jistgħu jagħtu l-għajnuna qabel ma jasal tabib jew ambulanza. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu ma din l-inizjattiva.

50.8.3 Is-Sindku qal li ħdejn il-Bring-in sites ta' Triq San Lawrenz qed jitħalla ħafna żibel u għaldaqstant iħoss li dawn għandhom jitneħħew sabiex jinqata' l-abbuż. Il-kunsilliera qablu li dawn jitneħħew ukoll.

50.8.4 Is-Sindku preżenta diversi ritratti u qal li l-bankijiet ta' quddiem il-Monument tal-Ħelsien spiċċaw u waslu biex jinbidlu. Għaldaqstant is-Sindku propona li dawn l-għaxar bankijiet jinxtraw mill-fondi tad-Development Planning Fund u jisru minn materjal riċikabbli. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

50.8.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Awwissu 2022. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament.

50.8.6 Is-Sindku qal li l-ktieb 'Il-Birgu lbieraħ u llum', bil-Malti u bl-Ingliż, se jkun qed jiswa' total ta' madwar ħmistax-il elf erbgħa mija u wieħed u ħamsin Ewro (€15,451). Dan kien jinkludi tnax-il elf u ħames mitt Ewro (€12,500) għall-pubblikazzjoni u l-kumplament ħlas għad-disinjatur u editing tal-ktieb.

**50.9 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

50.9.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 42** li tkopri ċ-ċekk bin-numru, **BOV 6321 u** ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**50.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

50.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **3 ta' Ottubru 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |